MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1149/2007

**Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili**

**vs**

**British Jet Ltd. (C-25698)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili, li wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' intimata infurmat lill-esponent illi fil-perjodu bejn Awissu u Dicembru tas-sena 2006, in-numru ta' passiggieri li dwaru hija kienet gabret id-dritt ta' hlas ghall-servizz lill-passiggieri kien ta' tlett elef u sebghin (3,070) – Dok. A u Dok. B.

Fil-perjodu imsemmi bejn Awissu u Dicembru tas-sena 2006, id-dritt ta' hlas ghal servizz lill-passiggieri kien ta'

ghoxrin Lira Maltin (Lm20) skont l-Avviz Legali 60 ta’ l-2005, u ghalhekk l-ammont totali li kienet gabret is-socjeta’ intimata kien ta’ wiehed u sittin elf u erba’ mitt Lira Maltin (Lm61,400).

Dan l-ammont kellu jigi mhallas skont il-ligi mis-socjeta’ intimata lill-esponent, izda s-socjeta’ intimata, ghalkemm hekk interpellata, baqghet inadempjenti.

Talab l-attur jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lir-rikorrent l-ammont ta’ wiehed u sittin elf u erba’ mitt Lira Maltin (Lm61,400), liema ammont huwa dovut lir-rikorrent bhala dritt ta’ hlas ghal servizz lill-passiggieri ghal perjodu minn Awissu sa Dicembru tas-sena 2006.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta’ intimata li tibqa’ ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta, li in forza taghha eccepiet illi:

Huwa mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa gie mharrek inutilment ghar-raguni li huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u bhala socjeta’ British Jet Limited xogholha kien biss ta’ agent ta’ l-ivvjaggar bhal kwalunkwe agent iehor u qatt ma operat bhala operatur tat-trasport ta’ l-ajru.

Huwa mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ukoll stante li l-kawza hija bazata fuq l-Avviz Legali 60 tas-sena 2005 u tali avviz legali huwa applikabbli biss ghal sid ingenji ta’ l-ajru u operatur ta’ l-istess sid u s-socjeta’ konvenuta la hi sid ingenji ta’ l-ajru u lanqas operatur ta’ l-istess u qatt ma kienet.

Effettivament, kien l-attur stess permezz ta’ ittra tat-8 ta’ Mejju 2007 annessa u mmarkata Dok. BJ1 kien informa

lis-socjeta' konvenuta li hija ma ghandhiex certifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru u li jirrikonoxxi biss lis-socjeta' estera Hello Airlines u mhux lis-socjeta' konvenuta.

L-ircevuti mahruga ghall-passiggieri li kienet iggorr il-British Jet.com li kien it-trade name tal-kumpanija estera Hello.

Inoltre u bla pregudizzju, l-ammont huwa eccessiv u mhux skont it-tariffa ta' l-istess avviz legali.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta' din il-kawza, id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili qed jitlob minn British Jet Limited, hlasijiet dovuti relatati ma' passiggieri, dan a tenur ta' l-Avviz Legali 60 ta' l-2005 British Jet Limited issostni illi hija m'hijiex obbligata taghmel dawk il-hlasijiet ghaliex hija kienet biss agent ta' l-ivvjaggar u mhux sid jew operatur ta' ingenji ta' l-ajru.

<u>Dritt</u>

L-Avviz Legali 60 ta' l-2005, fiz-zmien li ghalih tirreferi din il-kawza, jimponi hlas ta' Lm20 ghal kull passiggier.

"*Ghas-servizzi u facilitajiet ipprovduti lill-passiggier li jitlaq mill-ajruport internazzjonali ta' Malta, ghandu jithallas lid-Direttur minn sid ta' ingenju ta' l-ajru jew minn operatur tieghu, skont il-kaz, dritt ta' Lm20 dwar kull passiggier li jitlaq u li jitla' fuq l-ingenju ta' l-ajru tieghu.*"

L-Art. 2 tal-Kap. 232 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddefinixxi dettaljatament min hu “l-operatur” fl-operazzjoni ta’ garr ta’ passiggieri bhala:

“*’operatur’, dwar ingenji ta’ l-ajru, tfisser il-persuna li f’dak il-hin ikollha t-tmexxija ta’ dawk l-ingenji, u espressjonijiet imnisslin minnha ghandhom jiftehmu skont hekk.*”

Fatti

Fil-kaz in ezami, Joseph Cachia, Assistent Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili kkonferma illi l-informazzjoni dwar in-numru ta’ passiggieri giet mghoddija lilu minn Nathaniel Borg, li dak iz-zmien kien jokkupa kariga ta’ amministratur ma’ European Air Bargains Limited li sussegwentement biddlet isimha li saret British Jet Limited. L-istess Nathaniel Borg jikkonferma li dan kien parti minn xogholu, u cioe’ li jipprovdi lill-Awtoritajiet ta’ l-Avjazzjoni Civili data dwar in-numru tal-passiggieri li jingarru (ara xhieda a fol. 86).

L-istess Joseph Cachia pprezenta fil-Qorti ukoll serje ta’ ricevuti ta’ hlasijiet maghmula minn European Air Bargains Limited (u cioe’ British Jet) f’perjodi precedenti ghal dak li dwaru qed jintalab il-hlas permess ta’ din il-kawza.

Is-socjeta’ intimata ssostni illi hija la qatt kienet operatur ai termini tal-ligi u wisq anqas sid ta’ ingenji ta’ l-ajru. Dan il-fatt m’huwiex kontestat mir-rikorrenti li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, senjatament f’pagna 3 ta’ l-istess, jikkonferma dan il-fatt.

Jirrizulta ukoll illi, f’cirkostanzi ta’ talba ohra maghmula lid-Direttur ta’ l-avjazzjoni civili, l-istess Direttur ikkonferma illi British Jet m’hijiex operatur. Fl-ittra tieghu, l-istess Direttur isostni:

“*First of all I have to state that this Department cannot entertain applications for the use of traffic rights from a company which is not an air carrier, viz a company which*

*does not have an Air Operator’s Certificate. Therefore it would be expected that any application for the operation of routes to/from Malta will be submitted by Hello Airlines, as in fact happens with flights currently sold under the name of British Jet.com.*”

Galadarba, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jirrizulta li s-socjeta’ intimata odjerna la kienet sid u lanqas operatur ta’ ajruplani, il-Qorti jehtigilha tqis jekk il-fatt li kien hemm zmien meta effettwat l-hlasijiet dovuti wassalx ghall-assunzjoni ta’ xi obbligu minnha biex tibqa’ taghmel hekk fil-futur. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan ma jirrizultax. Kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, ma jirrizultax pruvat sodisfacentement li ghall-perjodu in kwistjoni, is-socjeta’ intimata, b’xi mod assumiet l-obbligi ta’ l-operatur jew is-sid ta’ l-ajruplani.

L-Art. 1148 u 1149 tal-Kap. 16 jipprovdu ezattament ghal sitwazzjoni simili. Madanakollu, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza “Pardi Enterprises Limited vs Farrugia et” (10 ta’ Lulju 2003):

“*F’kull kaz, pero’, l-obbligu tal-pagament jibqa’ guridikament dejjem fuq id-debitur tal-kreditur.*”

Fil-kaz in ezami, bhal f’dak il-kaz, jekk kienet f’xi zmien tezisti delega ghall-hlas, din kienet biss kwistjoni bejn l-agent ta’ l-ivvjaggar (intimat odjern) u l-operatur.

“*Min jecepixxi li hu mhux il-legittimu kontradittur jehtieglu jipprova illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f’ebda rapport negozjali mar-rikorrent noe jew li m’ghadx ghandu tali rapport*” (“Avukat Michael Psaila nomine vs Joseph Pace et”, deciza fit-3 ta’ Ottubru 2008).

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tilqa’ l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ British Jet Limited u tilliberaha mill-osservanza ta’ gudizzju.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------